*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,652, 14 ta' Settembru, 2004*
*Taqsima B*

**A.L. 414 ta' l-2004**

## ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

### Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tipjip f'Postijiet Miftuħin għall-Pubbliku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Kommunità għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tipjip f'Postijiet Miftuħin għall-Pubbliku. Titolu.

**2.** F'dawn ir-regolamenti – Tifsir.

"impjegat" tfisser persuna impjegata minn prinċipal;

"kamra msemmija fejn jista' jsir it-tipjip" tfisser kamra magħluqa imsemmija bħala waħda fejn jista' jsir it-tipjip;

"persuna responsabbli" tfisser kull persuna illi hija fl-aħħar mill-aħħar responsabbli għal xi stabbliment li dwaru japplikaw dawn ir-regolamenti u għandha tinkludi lil kull persuna li tkun qed taġaxxi f'ismu u lil kull prinċipal;

"postijiet" tfisser postijiet ta'l-ikel u postijiet bħalhom minn fejn jiġi offrut l-ikel u x-xorb bi ħlas jew b'xejn;

"prinċipal" tfisser persuna li timpjega persuna waħda jew iktar u tinkludi lill-persuna li fl-aħħar mill-aħħar tkun inkarigata minn xi post;

"tipjip" jinkludi l-ġarr ta' prodott tat-tabakk imqabbad bin-nar;

"żona fejn isir ix-xogħol" tfisser kull spazju fuq ġewwa jew spazju ieħor fil-magħluq fejn l-impjegati jwettqu xogħlhom bħala impjegati, u tinkludi kull kuridur adjaġenti, *lobby*, tromba tat-taraġ, *elevator*, *lift*, *cafeteria*, kamra fejn isir il-ħasil jew żona oħra komuni li fiha jidħlu dawk l-impjegati waqt li jkunu qegħdin fuq xogħlhom.

Projbizzjoni ta' tipjip f'żoni fil-magħluq.

**3.** Huwa projbit li jsir tipjip f'xi fond magħluq privat jew pubbliku, li hu miftuħ għall-pubbliku ħlief fi kmamar msemmija fejn jista' jsir it-tipjip.

Kmamar msemmija fejn jista' jsir it-tipjip.

**4.** Kmamar msemmija fejn jista' jsir tipjip

(i) għandhom jkunu totalment separati minn żoni jew kmamar li soltu jkunu okkupati minn min ma jpejjipx; u

(ii) għandu jkollhom ħitan mill-art sas-saqaf; u

(iii) għandu jkollhom l-aperturi kollha li jagħtu għal fuq żoni oħra magħluqa, jew kmamar li jkunu jingħalqu sewwa u jinżammu hekk magħluqa waqt li l-post ikun għadu miftuħ għal-kummerċ; u

(iv) għandhom ikunu ndikati ċar illi huma riservati għal min ipejjep; u

(v) għandhom ikunu b'tali mod illi ma jkunux jirrikjedu illi min ma jpejjipx jgħaddi minn ġo fihom.

Dmir tal-persuna responsabbli.

**5.** Ikun id-dmir tal-persuna responsabbli li:

(a) issemmi kmamar li jista' jsir tipjip fihom;

(b) tadotta miżuri biex tiżgura li t-tipjip isir biss fil-kmamar msemmija fejn jista' jsir tipjip;

(ċ) taddotta miżuri biex tiżgura illi sal-5 ta' Ottubru, 2004 l-espożizzjoni ta' min ma jpejjipx għad-duħħan tat-tabakk fil-kmamar msemmija fejn jista' jsir tipjip, ikun mnaqqas skond kriterji li jkunu approvati mis-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika minn żmien għal żmien u li jkunu ppubblikati fil-Gazetta tal-Gvern;

Iżda fil-każ ta' postijiet li jkollhom liċenzja u li jkunu ta' daqs anqas minn sittin metru kwadru, il-persuna responsabbli għandha tadotta l-miżuri msemmija f'paragrafu (ċ) ta' dan ir-regolament sal-5 ta' April, 2005.

Eżenzjoni.

**6.** Ebda persuna ma għandha tpejjep f'xi żona fejn isir ix-xogħol ħlief f'kamra msemmija fejn jista' jsir tipjip.

Tipjip projbit f'żona fejn jsir ix-xogħol.

**7.** Dawn ir-regolamenti ma japplikawx għal kmamar individwali f'postijiet għall-akkomodazzjoni li jkunu qegħdin jintużaw għall-irqad u li jkunu okkupati biss minn klijenti li jpejpu:

Iżda din l-eżenzjoni ma tolqotx kmamar oħra okkupati jew li jistgħu jkunu okkupati minn persuni li ma jpejpux.

**8.** Dawn ir-regolamenti huma mingħajr preġudizzju għal liġijiet u regolamenti oħra li saru biex jipproteġu aktar is-saħħa tal-komunità mill-effetti ta' l-espożizzjoni għad-duħħan tat-tabakk. Liġijiet oħra u regolamenti.

**9.** Ir-Regolamenti ta' l-2004 dwar it-Tipjip f'Postijiet Pubbliċi, huma b'dawn imħassrin. Ihassar A.L. 145 ta' l-2004.